# QORTI CIVILI PRIM`AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Frar 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 17/17 JZM**

**[1] Maria Ewkaristika Farrugia K.I. 9137(G)**

**[2] Lawrence Pisani K.I. 27531(G)**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fit-<u>30 ta` Marzu 2017</u> li jaqra hekk :

*Illi r-rikorrenti huma konvenuti fil-kawza li tinsab quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)(Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "Martin Farrugia K.I. 51561(G) vs 1. Paul Farrugia K.I.10476(G) 2. Maria Ewkaristika Farrugia K.I. 9137(G) 3. Lawrence Pisani K.I. 27531(G) 4. Direttur tar-Registru Pubbliku" ref:17/16JVC u l-konvenut Martin Farrugia huwa l-attur f`din l-istess kawza.*

*Illi f`din il-kawza sureferità l-precitat Martin Farrugia qieghed jitlob lil dik l-Onorabbli Qorti joghgobHa "previa kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuni :*

*"1. Previa, okkorrendo bl-opera ta` periti teknici u okkorendo wkoll permezz ta` dawk it-testijiet u verifiki genetici kontemplati fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta li jistghu jigu ordnati mill-Qorti u kondotti mill-periti teknici talvolta nominati, Tiddikjara u Tiddeciedi li l-konvenut ma huwiex iben naturali tad-defunt Giorgio Dolindo Farrugia kif jirrizulta dikjarat fl-att tat-twelid li jgib in-numri progressiv ta` registrazzjoni 104/1976 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija.*

*2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffetwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-att tat-twelid ta` l-imsemmi Paul Farrugia li jgib in-numru progressiv ta` registrazzjoni 104/1976 u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess att tat-twelid ta` Paul Farrugia sabiex isem Giorgio Dolindo Farrugia u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi att taht il-kolonni intestati:"Isem u kunjom", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta", "fejn twieled", "fejn joqghodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol l-isem u kunjom tal-konvenut Lawrence Pisani u l-konnotati u d-dettalji l-ohra kollha tieghu rikjesti mill-ligi kuf ukoll kull dettal iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenuti jew min minnhom ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni."*

*Illi kemm ir-rikorrenti u kif ukoll il-precitat Paul Farrugia fir-risposta taghhom ghar-rikors promotur sureferit qajjmu lanjanzi ta` natura kostituzzjonali fejn inter alia jsostnu li l-proceduri hekk kif istitwiti jivvjolaw id-Drittijiet Fundamentali taghhom senjatament dawk sanciti taht l-Artikolu 39(2) tal-kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*Illi l-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta` Malta huwa car u jesigi illi:*

*"Jekk f`xi proceduri f`xi qorti li ma tkunx il-Prim`Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta` xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja u dik il-qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta` dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni."*

*Illi fil-kaz sureferit minkejja l-lanjanzi mqajjma fir-risposti taghhom l-Qorti tal-Magistrati naqqset milli tippronunzja ruhHa u, jew tiddikjara l-kwistjoni bhala wahda frivola u vessatroja, jew inkella tirreferi l-kwistjoni quddiem il-Qorti kompetenti sabiex tisma` l-lanjanza hekk imqajjma.*

*Illi fl-ewwel dehra tal-kawza sureferità, precizament fis-seduta tad-19 ta` Ottubru 2016, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)(Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja) ghogobHa tiddiferixxi l-kawza ghall-provi fil-mertu tal-precitat Martin Farrugia.*

*Illi permezz ta` rikors tat-18 ta` Novembru 2016 prezentat fl-atti tal-kawza sureferità l-precitat Martin Farrugia talab inter alia illi jsir test genetiku dwar il-paternità u jittiehdu kampjuni genetici tal-precitati Paul Farrugia u Lawrence Pisani.*

*Illi fuq rikors tal-attur prezentat ukoll fl-atti tal-kawza sureferità, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)(Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Familja) ordnat illi fis-seduta tal-20 ta` Jannar 2017 jitilghu jixhdu l-atturi odjerni Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani.*

*Illi fis-seduta tal-20 ta` Jannar 2017 il-precitat Paul Farrugia gie ordnat jixhed in subizzjoni u sussegwentament filwaqt li l-Qorti laqghet it-talba sabiex jinstemghu l-provi fuq l-ewwel hames eccezzjonijiet ta` Lawrence Pisani, imponiet terminu ta` tletin gurnata sabiex jigu prezentati l-provi kollha dokumentarji u l-affidavits bin-notifika jew visto tal-kontroparti u iddiferixxiet l-kawza ghall-kontro ezamijiet kollha u ghall-gheluq tal-provi fuq l-eccezzjonijiet preliminari ghas-seduta tal-5 ta` April 2017 fl-10:00am sal-10:30 u ordnat li fl-istess gurnata senjatament fis-1:15pm issir seduta fl-ghassa ta` Ta` Sannat ghall-kontro ezamijiet u xhieda ta` Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani.*

*Illi fl-istess seduta tal-20 ta` Jannar 2017 l-esponenti Lawrence Pisani reggha ghamel talba ghar-riferenza u dan hekk kif jindika l-verbal relevanti, liema talba regghet ma gietx dekretata.*

*Illi n-nuqqas tal-Qorti tal-Magistrati sureferità li tippronunzja ruhHa fir-rigward tal-kwistjoni ta` natura kostituzzjonali mqajjma u d-decizjoni ta` l-istess Qorti li tipprosegwi bis-smiegh tal-kawza jilledi d-Dritt Fundamentali tar-rikorrenti senjatament l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*Illi fid-dawl tan-nuqqas ta` pronunzjament tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, fis-16 ta` Frar 2017 l-esponenti kienu kostretti jintavolaw kawza kostituzzjonali ad hoc fl-ismijiet "1. Maria Ewkaristika Farrugia 2. Lawrence Pisani vs 1. Martin Farrugia 2. Avukat Generali 3. Direttur Registru Pubbliku 4. Paul Farrugia" ref: 6/2017 fejn ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur l-esponeti talbu umilment lill-Prim` Awla (sede kostituzzjonali) joghgobHa :*

1. *Tiddikjara li l-proceduri istitwiti permezz tar-rikors guramentat sureferit fl-ismijiet "Martin Farrugia K.I. 51561(G) vs 1. Paul Farrugia K.I. 10476(G); 2. Maria Ewkaristika Farrugia K.I. 9137(G); 3. Lawrence Pisani K.I. 27531(G); Direttur tar-Registru Pubbliku" ref :17/16JVC in kwantu huwa intiz sabiex ibiddel l-istat ta` fatt u legali li johrog mic-certifikat tat-twelid tal-esponenti Paul Farrugia jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ;*

2. *Tiddikjara li kwalunkwe xhieda tal-esponenti jew min minnhom li tigi ordnata li tittiehed fil-kawza fl-ismijiet "Martin Farrugia K.I. 51561(G) vs 1. Paul Farrugia K.I. 10476(G); 2. Maria Ewkaristika Farrugia K.I. 9137(G); 3. Lawrence Pisani K.I. 27531(G); Direttur tar-Registru Pubbliku" tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ;*

3. *Tiddikjara li kwalunkwe ordni sabiex jittiehdu kampjuni genetici tal-esponenti jew min minnhom fil-kawza "Martin Farrugia K.I. 51561(G) vs 1. Paul Farrugia K.I. 10476(G); 2. Maria Ewkaristika Farrugia K.I. 9137(G); 3. Lawrence Pisani K.I. 27531(G); Direttur tar-Registru Pubbliku" jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ; u*

4. *Tipprovdi rimedju.*

*Illi kontestwalment mar-rikors promotur l-esponenti intavolaw rikors iehor fejn wara li gabu a konjizzjoni tal-Qorti l-istat ta` fatt tal-proceduri ta` quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, umilment talbu lil dik il-Qorti sabiex tordna illi sakemm jigi deciz ir-rikors kostituzzjonali prezentat kontestwalment l-Onorabbli Qorti tal-Magsitrati (Ghawdex – Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Familja) tiddezisti milli tisma` r-rikors fl-ismijiet "Martin Farrugia K.I. 51561(G) vs 1. Paul Farrugia K.I. 10476(G); 2. Maria Ewkaristika Farrugia K.I. 9137(G); 3. Lawrence Pisani K.I. 27531(G); Direttur tar-Registru Pubbliku"ref: 17/16JVC u jekk hemm bzonn tallega l-atti ta` l-istess kawza.*

*Illi din it-talba giet michuda u dana peress li l-istess Qorti fl-umili sottomissjoni tal-esponenti erronjament ikkonkludiet illi:*

*1. It-talba ghas-soprasessjoni kellha tigi intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati sureferità;*

*2. Kwalsiasi interim measure ta` soprasessjoni hija mizura limitata ghall-periklu ghall-hajja u cirkostanzi eccezzjonali ohra li f`dan il-kaz ma irrizultax; u*

*3. Ghadhom lanqas inbdew il-proceduri fil-kawza odjerna fil-mertu taghha u kwindi l-Qorti ma setghetx tifhem x`bizgha imminenti ta` vjolazzjoni ta` drittijiet jista` jkun hemm biex din il-Qorti tuza s-setgha eccezzjonali ghall-ahhar biex twaqqaf il-Qorti milli taghmel dak li l-ligi tobbliga cioe li tisma` l-kawza sa tmiemha b`mod kemm jista` jkun accellerat, iktar u iktar f`kawza ta` din in-natura.*

*Illi l-konkluzjonijiet tal-Prim`Awla surreferiti huma erronji u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Illi t-talba ghas-soprasessjoni setghet tigi intavolata kemm quddiem dina l-Onorabbli Qorti u kif ukoll quddiem il-Prim` Awla (sede kostituzzjonali). Ma hemm xejn fil-ligi milli tinibixxi dan. Barra minn hekk ghall-ispeditezza u efficjenza tal-proceduri kien aktar ghaqli li tali talba tigi intavolata quddiem l-istess Qorti li prezenzjalment qed tisma` l-lanjanzi kostituzzjonali tal-esponenti;*

*2. Illi huwa minnu li l-interim measure tinghata biss f`kazijiet eccezzjonali. L-esponenti umilment jissottomettu li l-kaz odjerna jilhaq l-estremi rikjesti ghal tali ordni u mhux minnu li c-cirkostanzi eccezzjonali ma jirrizultawx. Il-fatt li jistghu johorgu certu fatti li jistghu jiddistablizzaw l-ordni socjali u familjari protetti mill-Artikolu 81 tal-Kodici Civili hija minnha nnifisha raguni eccezzjonali ghaliex proceduri li minn qaddishom jimmilitaw kontra dak l-artikolu ghandhom jigu sospizi.*

*3. Illi l-gurisprudenza kemm nostrana u kif ukoll Ewropea tistipola li "biex jista` jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta` ksur ta` jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja sejra ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu." (Briffa vs Seguna – 105/16JRM – 26/12/2016). L-esponenti sejrin fil-fatt isofru hsara irrimdejabbli jekk ikun hemm dikjarazzjoni ta` lezjoni tad-drittjiet fundamentali taghhom wara li tittiehed ix-xhieda u l-kampjuni tal-genetika taghhom.*

*4. Illi ghalkemm il-proceduri ma bdewx jinstemghu fil-mertu, xorta wahda sejra tittiehed ix-xhieda tal-esponenti fl-istadju preliminari ta` dawn il-proceduri. Is-subizzjoni li gie assoggettat ghaliha l-konvenut Paul Farrugia ghalkemm ittiehdet fi stadju bikri tal-proceduri, xorta wahda messet il-mertu u d-domandi li sarulu jkunu lezivi fid-drittijiet tal-esponenti jekk l-istess jigu mistoqsija lilhom;*

*Illi f`dan ir-rigward l-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni huwa car stante li jaghti l-fakoltà lill-"[...] kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta` din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x`aktarx ser tigi miksura dwarha [...], titlob lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju";*

*5. Illi ghalkemm huwa minnu li kemm jista` jkun proceduri gudizzjarji jinstemghu kemm jista` jkun malajr, dan m`ghandux isir a skapitu tal-procedura u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-esponenti. Wiehed ma jridx jinsa illi kien l-attur stess li dam `l fuq minn tletin sena biex intavola din il-procedura.*

*Illi c-cahda tal-Prim`Awla (sede Kostituzzjonali) ghar-rikors tal-esponenti ukoll tivvjola d-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem.*

*Illi huwa elementari li qabel ma jigu decizi l-kwistjonijiet kostituzzjonali ta` vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif fuq inghad m`ghandhomx jithallew jinstemghu l-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati fuq imsemmija ghaliex b`dan il-mod ikun qieghed jinholoq pregudizzju irrimedjabbli fil-konfront tal-esponenti li ma jistax jigi rimedjat b`mod iehor.*

*Illi tkun verament ingustizzja magna jekk wara li tittiehed ix-xhieda tal-esponenti u/jew xi kampjuni genetici jirrizulta illi filfatt kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom. Huwa propju ghalhekk li l-legislatur jesigi illi meta hemm kwistjoni kostituzzjonali issir referenza tal-materja quddiem il-Qorti kompetenti meta din il-kwistjoni ma tkunx wahda frivola u vessatroja.*

*GHALDAQSTANT u ghar-ragunijiet premessi l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobHa:*

*1. Tiddikjara n-nuqqas tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja) illi tippronunzja ruhHa ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tipprocedi bis-smiegh tal-*

*kawza jammonta ghall-vjolazzjoni tad-Dritt Fundamentali taghhom senjatament dak sancit taht l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*2. Tiddikjara c-cahda tal-Prim` Awla (sede Kostituzzjonali) tat-talbiet tar-rikorrenti li gew imressqa permezz ta` rikors fil-kawza kostituzzjonali sureferità sabiex tinghata ordni ta` soprasessjoni tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)(Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja) sureferiti tammonta ghall-vjolazzjoni tad-Dritt Fundamentali taghhom senjatament dak sancit taht l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*3. Konsegwentament tipprovdi rimedju.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fis-17 ta` April 2017 li taqra hekk :

*1. Illi r-rikorrenti qieghdin jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali senjatament tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba li fil-kawza Martin Farrugia vs. Paul Farrugia et il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Gurisdizzjoni Superjuri, ma tatx decizjoni dwar talba f`dawk il-proceduri sabiex issir referenza kostituzzjonali u kif ukoll minhabba digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta li tirrigwarda talba ghal-soprasessjoni fil-kawza bin-numru 6/2017 MCH.*

*2. Illi preliminarjment jigi rilevat li l-mertu ta` din il-kawza jirrigwarda strettament dak li qieghed jigri fil-kawza fl-ismijiet Martin Farrugia vs. Paul Farrugia et (17/16 JVC) li hija kawza dwar paternita`. L-esponent huwa tal-umli fehma li ghal integrita` tal-gudizzju ghandu zgur jissejjah f`din il-kawza Martin Farrugia peress li l-mertu tolqot direttament lilu.*

*3. Illi l-esponenti mill-ewwel jirrileva li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan ghar-ragunijiet segwenti :-*

*4. Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq allegazzjoni li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ma ippronunzjatx ruhha dwar referenza kostituzzjonali imqajjma minnu. L-esponent jirrileva li proprju ghaliex il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghadha ma ppronunzjatx ruhha dwar ir-referenza kostituzzjonali dan*

*jirrendi l-azzjoni odjerna intempestiva u dan ghaliex jista jaghti l-kaz li l-Qorti se tesprimi ruhha fi stadju ulterjuri. Apparti dan jirrizulta mill-atti tal-kawza Martin Farrugia vs. Paul Farrugia et li provi u xhieda ghadhom ma nstemghux u allura l-esponent ma jistghax jifhem kif f`dan l-istadju ir-rikorrent garrab ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Galadarba huwa principju assodat li wiehed ghandu jezamina l-proceduri in dizamina fit-totalita` taghhom, l-esponent huwa tal-umli fehma li r-rikorrent ghandu jistenna l-ezitu finali tal-proceduri civili qabel ma` jittenta jiftah dawk kostituzzjonali. Jinghad wkoll li r-rikorrenti intavolaw rikors datat 8 ta` Marzu 2017 fejn talbu lil- Qorti tal-Magistrati taghmel referenza kostituzzjonali pero` jidher li dak ir-rikors ghadu ma giex dekretat.*

*Illi ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha peress li dan ir-rikors huwa intempestiv ikun opportun illi dina l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva wkoll li r-rikorrenti qabel din il-kawza intavolaw proceduri kostituzzjonali ohra numru 6/2017MCH. Ghal ahjar ekonomija tal-gudizzju r-rikorrenti setghu dejjem qajjmu l-lanjanza kostituzzjonali odjerna, dwar allegat nuqqas tal-Qorti tal-Magistrati, f`dik il-kawza l-ohra biex b`hekk ma jkunx hemm moltiplikazzjoni ta` kawzi li finalment jirrigwardaw l-istess mertu u cioe` oggezzjoni min-naha tar-rikorrenti li jinstemghu xhieda fil-kawza civili.*

*6. Illi minghajr pregudizzju, l-esponent jaghmel referenza ghal lanjanza kostituzzjonali l-ohra li qajmu r-rikorrent dwar talba ghal soprasessjoni li giet michuda minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-klawza numur 6/2017MCH. Dwar din il-lanjanza jinghad minnufih li l-mertu taghha huwa ormai ezawrit u f`dan is-sens l-esponent jaghmel referenza ghad-decizjoni ta` din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta` April 2017 fejn **ghal darb` ohra** t-talba ghal soprasessjoni giet michuda.*

*7. Illi fi kwalunkwe kaz l-ebda ilment tar-rikorrenti ma jinkwadra ruhu fl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali citati minnhom. Illi l-esponent jirrileva li l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema` minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wiehed ma jelenka jew jilmenta minnu.*

*8. Illi huwa stabbilit anke f`gurisprudenza konsistenti, li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-*

*kumpless kollu tieghu. Bhala regola, meta wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m`ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali Ii jokkorru imma lejn jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kinux jew le kondotti b`gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Marzu 1996). F`din il-qaghda l-jedd ta` smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalita tal-kazijiet, jidhol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta` access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt Ii tinstema` (audi alterem partem) u/jew Ii tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni.*

*9. Dan attiz, ghandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest Ii l-ilment imressaq mir-rikorrent f`din il-kawza ma jaqa` taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija hawn fuq.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

**Rat is-sentenza parzjali li tat fit-28 ta` Settembru 2017 fejn cahdet l-eccezzjoni preliminari mmarkata bin-numru tnejn (2), spejjez ghall-intimat.**

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2017 il-Qorti tat direzzjoni lir-rikorrenti sabiex jipprezentaw l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet *Maria Ewkaristika et vs Martin Farrugia u Avukat Generali* (6/17/MCH)

Rat l-atti ta` dik il-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

## II. **Dritt u ġurisprudenza**

Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn lezjoni tal-jedd għal smigħ xieraq kif imħares mill-Kostituzzjoni ta` Malta ("**il-Kostituzzjoni**") u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ("**il-Konvenzjoni**").

**L-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni** jgħid :-

*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b`liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

**L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni** jgħid :-

> *Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista` jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f`ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Ottubru 2012 fil-kawża "**Carmelo sive Charles Saliba vs L-Avukat Ġenerali**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*" … l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiddefinix il-grad ta` prova li jrid jintlahaq la fil-proceduri civili u anqas fil-proceduri kriminali. Dak li jesigi l-istess artikolu hu li l-proceduri jkunu xierqa fis-sens ta` fair, u proceduri li fihom il-grad tal-prova rikjest huwa fuq bilanc ta` probabilitajiet ma hux anqas xieraq minn proceduri fejn il-grad tal-prova rikjest huwa fuq "grad ta` prova rigoruz" jew fuq "grad ta` prova fuq bilanc ta` probabilitajiet kwalifikata", ifissru xi jfissru dawn il-frazijiet. Dak li hu rikjest hu li jkun hemm il-konvinciment tal-awtoritajiet gudizzjarji dwar dak li qieghed jigi processat u deciz.*

…

*Taht l-artikolu 6(1) il-kompitu tal-Qorti hu li tezamina jekk il-proceduri mehudin fil-kompless taghhom, inkluz il-mod kif ikunu ngabru l-provi, kienux xierqa fis-sens tal-istess artikolu, ghalkemm jista` wkoll ikun il-kaz li aspett jew nuqqas partikolari jkun tant determinanti ghall-ezitu tal-kawza li jkun bizzejjed sabiex minhabba fih wahdu il-Qorti ssib nuqqas ta` smigh xieraq. Inoltre, l-Istat ghandu latitudini akbar fil-mod kif jittratta kawzi civili milli ghandu meta jkun qieghed jittratta minn kawzi kriminali. B`danakollu, l-principju tal-equality of arms li jiddetta li jinzamm bilanc xieraq bejn il-partijiet fil-kawza japplika kemm fil-kawzi civili kif ukoll f`dawk kriminali."*

Ir-rikorrenti jirreferu wkoll ghall-**Art 46 tal-Kostituzzjoni** li jghid :-

*(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta` dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta` din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x`aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim`Awla tal-Qorti Civili f`Malta tista` tahtar ad istanza ta` xi persuna li hekk tallega, tista`, bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista` ssir legalment, titlob lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.*

*(2) Il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddecidi kull talba maghmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis*

*xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta` kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Izda l-Qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta`rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra.*

*(3) Jekk f`xi proceduri f`xi qorti li ma tkunx il-Prim`Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta` xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta` dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni.*

*(4) Kull parti fi proceduri migjuba quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta` appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.*

*(5) Ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta` xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja.*

*(6) Jista` jsir provvediment bi jew skont Att tal-Parlament biex jigu moghtija lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili dawk is-setghat b`zieda ghal dawk moghtija b`dan l-artikolu li jkunu mehtiega jew mixtieqa sabiex il-Qorti tkun tista` aktar effettivament tezercita l-gurisdizzjoni moghtija lilha b`dan l-artikolu.*

*(7) Regolamenti tal-qorti li jipprovdu dwar il-prattika u procedura tal-Qrati ta` Malta ghall-finijiet ta` dan l-artikolu jistghu jigu maghmula mill-persuna jew awtorità li ghal dak iz-zmien ikollha setgha li taghmel regolamenti tal-qorti dwar il-prattika u procedura ta` dawk il-Qrati, u ghandhom ikunu*

> *mahsuba biex jigi zgurat li l-procedura ghandha tkun b`rikors u illi s-smigh ghandu jkun b`kull heffa possibbli.*

Dwar din id-disposizzjoni, inghad illi ladarba l-kwistjoni tkun tqajmet quddiem qorti, allura l-kwistjoni tkun trid tigi ndirizzata.

Dak relevanti ghall-iskop tar-referenza hu li t-talba trid tkun tali li teffettwa materjalment u intrinsikament il-proceduri li jkunu soggetti ghall-iskrutinju tal-Qorti li quddiemha tkun intalbet ir-referenza (ara : "**Karl Heinrich Muscat vs Avukat Generali et**" - PA/K – 17 ta` Jannar 2002).

Fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-2 ta` Mejju 2013 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Genovese vs Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" inghad illi l-fatt tkun intalbet referenza ma jfissirx li dik it-talba ghandha ta` bilfors tkun akkolta. Inghad :-

> *"Din il-Qorti ghandha d-dritt u l-obbligu li tichad talba ghal referenza jekk tali talba fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hi frivola jew vessatorja. Bi frivola l-ligi qed taghti x`tifhem li t-talba hi fiergha, bla ebda siwi jew serjeta jew li hi superficjali. B`vessatorja l-ligi qed tifhem illi t-talba tkun saret bi skop li ddejjaq jew ittawwal bla bzonn il-proceduri a skapitu tal-partijiet l-ohra fil-vertenza u tal-gustizzja in generali."*

## III. Sottomissjonijiet bil-miktub

### 1. L-argumenti fil-qosor tar-rikorrenti

Biex isostnu l-istanza taghhom, ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-Art 267(3) ta` *The Treaty on the Foundation of the European Union* li jittrattaw sitwazzjoni fejn Qorti Municipali tonqos milli taghmel *preliminary reference* lill-CJEU. B`analogija ghall-kaz odjern, jissottomettu li n-nuqqas ta` qorti li tiddeciedi naha jew ohra tammonta ghal vjolazzjoni ta` l-Art 6 tal-Konvenzjoni. Jikkontendu li l-fatt biss li l-Qorti ta` Ghawdex injorat il-punt ta` dritt fundamentali li qajmu huwa ksur tal-*adversarial principle* sancit bl-Art 6 tal-Konvenzjoni. Kienu citati sentenzi moghtija mill-CJEU anke b`riferenza ghall-Art 234 ta` *The Treaty on the Foundation of the European Union.*

## 2. L-argumenti fil-qosor tal-intimat

L-Avukat Generali jaghmel l-argument illi ghall-ahjar ekonomija tal-gustizzja, il-lanjanza tar-rikorrenti tal-lum kellha tigi nkorporata fil-kawza kostituzzjonali l-ohra bin-numru 6/2017.

Ighid illi l-Qorti ta` Ghawdex tat provvediment dwar ir-referenza kostituzzjonali li talbu r-rikorrenti. Jirreferi ghall-verbal tas-seduta tal-20 ta` Jannar 2017 mnejn jirrizulta li, ghalkemm huwa minnu li l-Qorti ma cahditx espressament it-talba ghar-referenza, u lanqas iddikjaratha frívola jew vessatorja, kien hemm kjarament decizjoni tal-Qorti li l-kawza kellha titkompla u li allura ma kienx hemm ragunijiet validi sabiex ma ssirx ix-xhieda in subizzjoni.

Sar l-argument illi l-fatt li l-Qorti ta` Ghawdex ordnat il-prosegwiment tal-kawza, igib fix-xejn l-argument tar-rikorrenti li l-Qorti ma ddecidiet xejn.

Mill-andament tal-kawza huwa evidenti li l-Qorti ta` Ghawdex implicitament ma haditx konjizzjoni tat-talba ghar-referenza meta ordnat li l-partijiet igibu l-provi taghhom dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet.

Sahaq illi l-Qorti tat sentenza preliminari dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet minghajr ma dahlet espressament fis-sitt eccezzjoni tal-intimati.

Bil-fatt li l-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ifisser li ma kellhiex ghalfejn tidhol fi kwistjonijiet ohra.

Jikkontendi li r-rikorrenti ma gewx pregudikati jew zvantaggjati ghaliex il-jedd taghhom li jipprezentaw kawza kostituzzjonali baqa` ntatt kif sehh fir-realta`.

Sostna li r-rikorrenti lanqas ma semmew kif twettqet il-vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq.

Kif kondott, il-procediment fl-assjem tieghu kien gust u rispettuz tal-jeddijiet processwali tal-partijiet.

## IV. Il-kawza tal-lum

Ir-rikorrenti huma konvenuti fil-kawza li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "**Martin Farrugia vs Paul Farrugia et**" (Ref numru 17/16 JVC).

Il-kawza tittratta talba li saret minn Martin Farrugia sabiex jigi dikjarat li Paul Farrugia mhux l-iben naturali tad-defunt Giorgio Dolindo Farrugia u sabiex id-Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-att tat-twelid ta` l-istess Paul Farrugia.

Fir-risposta li ghamlu ghal dik l-istanza, ir-rikorrenti odjerni - Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani - issollevaw lanjanzi ta` natura kostituzzjonali billi sostnew li dawk il-proceduri kienu jiksru l-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni, u l-Art 6 u 8 tal-Konvenzjoni.

Ir-rikorrenti fil-kawza tal-lum jilmentaw illi minkejja li ghamlu dawk il-lanzjanzi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) baqghet ma ppronunzjatx ruhha, jew billi tiddikjara li l-kwistjoni sollevata minnhom kienet frivola jew vessatorja, jew inkella, ghax ma kenitx tqis il-lanzjanza bhala frivola jew vessatorja, illi tirreferi l-kwistjoni quddiem il-Qorti kompetenti.

Bil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-fatt tan-nuqqas tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja) illi tippronunzja ruhha skont l-Art 46 tal-Kostituzzjoni u l-fatt illi kompliet bis-smigh tal-kawza kien jammonta ghal ksur tal-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni.

## V. Il-fatti saljenti tal-kawza bin-numru 17/16 JVC

Minn ezami ta` l-atti tal-kawza bin-numru 17/2016 JVC li jikkostitwixxi prova fil-kawza tal-lum, u li huma inseriti a fol 82 et seq, kif ukoll wara li sar ezami ta` l-atti originali tal-istess kawza, jirrizultaw *inter alia* dawn il-fatti :-

1) Ir-rikors guramentat kien prezentat fil-15 ta` Lulju 2016.

2) Fil-21 ta` Lulju 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri appuntat il-kawza ghas-smigh tal-provi ta` l-attur ; u awtorizzat lill-attur sabiex

jipprezenta *affidavits* u dokumenti li kellhom jigu notifikati lill-kontroparti bid-dritt tal-kontroezami. (fol 89).

3) Fit-3 ta` Awissu 2016, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ipprezenta risposta guramentata.

4) Fil-11 ta` Awissu 2016, Paul Farrugia u Ewkaristika Farrugia pprezentaw risposta guramentata (fol 98 sa 100) fejn :- (a) kienet eccepita l-preskrizzjoni trentennali skont l-Art 2143 tal-Kap 16 ; (b) kien eccepit l-Art 80 tal-Kap 16 ; (c) kien eccepit l-Art 81 tal-Kap 16 ; (d) kienet eccepita l-karenza ta` interess guridiku tar-rikorrenti ; (e) kien eccepit illi l-azzjoni ta` denegata paternita` kieneta preskritta bid-dekors ta` sitt xhur mit-twelid tal-wild ; (f) kien eccepit ksur tal-Art 8 tal-Konvenzjoni u l-Art 32 tal-Kostituzzjoni ; u (g) kien eccepit li l-attur ma setax jisforza testijiet u verifiki genetici u xjentifici.

5) Fis-16 ta` Awissu 2016, Lawrence Pisani pprezenta risposta guramentata (fol 101 sa 102) fejn eccepixxa : (a) li m`ghandux *locus standi* fil-kawza ; (b) li l-azzjoni hija preskritta skont l-Art 2143 tal-Kap 16 ; ( c) li kontra li ssir l-azzjoni attrici hemm l-Art 81 tal-Kap 16 ; (d) il-karenza ta` interess guridiku fl-attur ; (e) id-dekadenza tal-azzjoni bid-dekors ta` sitt xhur mit-twelid tal-wild ; u (f) li l-attur ma jistax jisforza testijiet u verifiki genetici u xjentifici.

6) Fit-13 ta` Settembru 2016, l-attur ipprezenta rikors (fol 104) fejn talab li l-kawza tigi differita billi l-avukat tieghu ma setax jattendi ghal dik is-seduta. Inghata digriet fl-20 ta` Settembru 2016 fejn kienet milqugha t-talba u l-kawza kienet differita ghad-19 ta` Ottubru 2016 (fol 105).

7) Fis-26 ta` Settembru 2016, Av. Tatiane Scicluna Cassar ipprezentat rikors ghal differiment tas-smigh tas-seduta minhabba impenji ohra (fol 106).

8) Fis-seduta tad-19 ta` Ottubru 2016, deher l-attur assistit u l-konvenut Paul Farrugia li wkoll kien assistit. Il-Qorti ordnat li l-affidavits ta` l-attur jigu pprezentati sal-31 ta` Dicembru 2016. Kien verbalizzat ukoll illi l-partijiet kienu qablu li l-atti ta` l-kawza stante n-natura tal-kawza jkunu accessibbli biss ghall-partijiet u l-avukati taghhom. Il-kawza baqghet ghall-provi ta` l-attur ghas-seduta tal-20 ta` Jannar 2017 (fol 107).

9) Fit-18 ta` Novembru 2016, l-attur ipprezenta rikors sabiex fost ohrajn jigi ordnat test genetiku dwar il-paternita` u jinhatar espert sabiex jikkonduci dan it-test (fol 110 sa 112). Permezz ta` digriet tal-21 ta` Novembru 2016, il-Qorti ordnat notifika lill-kontroparti bi zmien ghal risposta (fol 113). Id-

Direttur tar-Registru Pubbliku pprezenta r-risposta tieghu fit-28 ta` Novembru 2016 fejn ma opponiex ghal din it-talba (fol 114). Paul Farrugia, Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani rrispondew flimkien ghal dan ir-rikors b`risposta tat-30 ta` Novembru 2016 (fol 115 sa 116). Permezz ta` digriet tat-2 ta` Dicembru 2016, ir-rikors kien appuntat ghat-trattazzjoni ghall-20 ta` Jannar 2017 (fol 120).

10) Paul Farrugia, Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani flimkien ipprezentaw rikors kongunt fit-30 ta` Novembru 2016 (fol 117 sa 118) fejn talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet taghha tad-19 ta` Ottubru 2016 u tordna li jigu nvertiti l-provi billi fis-seduta tal-20 ta` Jannar 2017 jibdew jinstemghu l-provi tal-konvenuti dwar l-eccezzjonijiet preliminari taghhom. Fit-2 ta` Dicembru 2016, kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi zmien ghal risposta. Ir-rikors kien appuntat ghat-trattazzjoni ghall-20 ta` Jannar 2017 (fol 119). Martin Farrugia wiegeb bil-miktub fit-22 ta` Dicembru 2016 (fol 126 sa 130).

11) Fl-14 ta` Dicembru 2016, l-attur ipprezenta affidavit tieghu (fol 122 sa 125).

12) Fl-20 ta` Jannar 2017, saret it-trattazzjoni taz-zewg rikorsi fuq riferiti. Kien hemm talba biex jixhed in subizzjoni Paul Farrugia. Min-naha tieghu, Lawrence Pisani ddikjara li kwalunkwe xhieda li kienet sejra tittiehed in subizzjoni kienet ser tilledi d-dritt tal-privatezza tieghu hekk kif sancit taht l-Art 8 tal-Konvenzjoni. Issottometta wkoll illi qabel ma tittiehed dik ix-xiehda, kellha ssir referenza lill-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi l-punt. Il-Qorti laqghet it-talba ta` l-attur li jixhed in subizzjoni Paul Farrugia. Fil-fatt xehed Paul Farrugia. Fl-istess seduta, inghata digriet dwar ir-rikors tat-18 ta` Novembru 2016 fejn kienet milqugha t-talba li jinstemghu l-provi dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet ta` Paul Farrugia u Maria Ewkaristika Farrugia, u dwar l-ewwel sitt eccezzjonijiet ta` Lawrence Pisani. (fol 142 sa 143).

13) Fis-17 ta` Frar 2017, Paul Farrugia pprezenta numru ta` affidavits (fol 144 sa fol 214).

14) Martin Farrugia pprezenta rikors fis-27 ta` Frar 2017 fejn talab l-isfilz ta` xi affidavits (fol 215 sa 216). Il-Qorti ordnat li l-kontroparti jressaq risposta tieghu u dan ai termini tad-digriet taghha tat-2 ta` Marzu 2017 (fol 217). Ir-risposta ta` Paul Farrugia ghal dan ir-rikors kienet ipprezentata fit-8 ta` Marzu 2017 (fol 221 sa fol 223). Il-Qorti cahdet it-talba ghall-isfilz ta` xi affidavits b`digriet tal-10 ta` Marzu 2017 (fol 230).

15) Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani pprezentaw rikors fid-9 ta` Marzu 2017 fejn talbu lill-Qorti sabiex (i) tirreferi l-lanjanza mqajjma mill-konvenut Paul Farrugia fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur, quddiem il-Qorti kompetenti ai termini ta` l-Art 46 tal-Kostituzzjoni ; u (ii) tordna s-soprasessjoni tas-smiegh tal-kawza sakemm ikun hemm ezitu f` dik ir-referenza u l-kawza *fl-ismijiet Maria Ewkaristika Farrugia et vs Martin Farrugia et (ref 6/2017)* [fol 225 sa 226]. Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors u tat zmien ghal risposta fl-10 ta` Marzu 2017 (fol 230). Paul Farrugia wiegeb fis-16 ta` Marzu 2017 (fol 231). Id-Direttur tar-Registru Pubbliku wiegeb fis-17 ta` Marzu 2017 (fol 232). Martin Farrugia wiegeb fis-17 ta` Marzu 2017 (fol 233 sa fol 234). Il-Qorti appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-5 ta` April 2017 (fol 235).

16) Fil-5 ta` April 2017, kien trattat ir-rikors ta` Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani tad-9 ta` Marzu 2017.

17) Fl-istess udjenza kienu trattati materji ohra kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza.

18) Fid-9 ta` Mejju 2017, Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani pprezentaw rikors fejn sostnew li l-verbal tal-5 ta` April 2017 huwa car fis-sens li fis-seduta li kien imiss isiru l-kontro-ezamijiet. Fih sostnew li huma ma nsistewx aktar ghar-rikors taghhom tad-9 ta` Marzu 2017 bl-intiza li ma kinux sejrin jingabru provi jekk mhux dwar l-eccezzjoni preliminari. Ghalhekk, intalab li l-Qorti tirrevoka d-digriet taghha fejn ordnat li jixhdu l-istess Farrugia u Pisani. Dwar dan ir-rikors inghata digriet fis-16 ta` Mejju 2017 bi zmien jumejn ghal risposta. Wiegbu d-Direttur Registru Pubbliku, Paul Farrugia u Martin Farrugia.

19) Fid-19 ta` Mejju 2017, saru provi dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

20) Fit-12 ta` Lulju 2017, xehed in subizzjoni Lawrence Pisani. Il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta`ostakolu dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

21) Fil-31 ta` Lulju 2017 Paul Farrugia pprezenta nota fejn iddikjara li ma kienx qed joggezzjona ghall-fatt li nghatat ix-xiehda ta` Lawrence Pisani.

22) Fit-3 ta` Ottubru 2017, inghatat decizjoni fejn kienet milqugha l-ewwel eccezzjoni ta` Paul Farrugia u Maria Ewkaristika Farrugia, u t-tieni eccezzjoni ta` Lawrence Pisani.

23) Sar appell. L-esitu tal-appell mhux maghruf.

## VI. Konsiderazzjonijiet tal-bidu

Il-Qorti tqis illi r-rikors odjern kien prezentat fit-30 ta` Marzu 2017. Sitt ijiem wara, u cioe` fil-5 ta` April 2017, Maria Ewkaristika Farrugia ddikjarat fl-udjenza tal-kawza bin-Nru 17/16 JVC li ma kinitx qeghda tinsisti li jigi degretat ir-rikors tad-9 ta` Marzu 2017 fejn kienet talbet lill-Qorti (flimkien ma` Lawrence Pisani) sabiex taghmel referenza kostituzzjonali u tordna s-soprasessjoni tas-smigh tal-kawza sakemm ikun hemm ezitu fil-kawza bin-numru 6/2017 purche` dik il-Qorti tillimita ruhha ghas-smigh ta` provi dwar l-ewwel hames eccezzjionijiet preliminari.

B`zieda ma` dan, fir-rikors taghhom tad-9 ta` Mejju 2017, Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani rega` tennew li ma kinux qeghdin jinsistu aktar fuq ir-rikors taghhom tad-9 ta` Marzu 2017 bl-intiza li ma kinux sejrin jingabru ebda provi jekk mhux dwar l-eccezzjoni preliminari.

Jidher ghalhekk illi dment illi dik il-Qorti kellha tistrada l-eccezzjonijiet preliminari, Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani ma kellhom l-ebda diffikolta` jew ilment dwar l-andament ta` dik il-kawza.

Il-Qorti rat l-atti tal-kawza bin-numru 17/2016 JVC.

Ma tarax li l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ma ppronunzjatx ruhha ai termini tal-Art 46 tal-Kostituzzjoni u l-fatt li kompliet bis-smigh ta` l-eccezzjonijiet preliminari jammonta ghal lezjoni tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Dik il-Qorti kienet preciza fis-sens li ddikjarat li kienet sejra tkompli bis-smigh ta` l-kawza billi tittratta l-eccezzjonijiet preliminari ghar-raguni illi dawn kienu tali li jekk xi wahda minnhom kienet ser tintlaqa` (kif fil-fatt sehh), il-kawza kienet ser tieqaf hemm u ma kienx ikun hemm bzonn li jigi nvestigat il-mertu.

Fix-xenarju tal-eccezzjonijiet preliminari, ma kinitx qed tqum xi kwistjoni ta` lezjoni ta` drittijiet fundamentali.

Tant hu hekk li mill-mod kif zvolga l-iter tal-kawza bin-numru 17/2016 JVC, kollox jindika illi l-Qorti kienet rikjesta minn Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani sabiex ma taghtix digriet dwar referenza kostituzzjonali skont l-Art 46 tal-Kostituzzjoni. Kienu huma li talbu bir-rikorsi taghhom tat-30 ta` Novembru 2016 sabiex l-ewwel jigu decizi l-eccezzjonijiet preliminari u imbaghad jekk ikun il-kaz jigu trattati l-eccezzjonijiet fil-mertu. Ghamluha cara li ma kinux sejrin jinsistu fuq l-ghoti ta` provvediment mill-qorti dwar it-talba taghhom ghal referenza kostituzzjonali u soprasessjoni.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax nuqqas fil-komportament tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, li baqghet ma ttrattatx il-mertu tal-kawza.

**Timmerita li tkun milqugha l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li tghid illi l-ilment tar-rikorrent huwa intempestiv ghaliex il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kienet ghadha ma ppronunzjatx ruhha dwar ir-referenza kostituzzjonali.**

Fl-istadju li fih kienet waslet il-kawza fiz-zmien meta kien ipprezentat ir-rikors odjern, dik il-Qorti kienet ghadha ma ppronunzjatx ruhha dwar ir-referenza kostituzzjonali, peress li kienet ordnat li r-rikors ghal referenza kostituzzjonali u soprasessjoni jigi trattat mill-partijiet waqt is-seduta tal-5 ta` April 2017.

Imbaghad qabel id-data tas-seduta tal-5 ta` April 2017, sabiex b` hekk il-Qorti tkun tista` tisma` t-trattazzjoni tal-partijiet, u tiddeciedi dwar ir-referenza kostituzzjonali u soprasessjoni, kien prezentat ir-rikors odjern.

Dan l-assjem ta` fatti jirrendi l-azzjoni intempestiva iktar u iktar meta wiehed iqis li fl-udjenza tal-5 ta` April 2017, kienu Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani stess li ddikjaraw li m`ghandhomx diffikolta` li dak ir-rikors jibqa` ma jigix degretata sakemm il-kawza tkun limitata ghal decizjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

**Ir-raba` eccezzjoni qeghda tkun milqugha.**

**VII. <u>Lezjoni *allegata* tal-jedd ghal smigh xieraq kommessa minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza bin-numru 6/2017 MCH</u>**

Ir-rikorrenti mexxew b`kawza kostituzzjonali ohra minhabba n-nuqqas ta` pronunzjament mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Din il-kawza kostituzzjonali l-ohra ggib in-numru 6/2017 MCH.

Ir-rikorrenti talbu mill-Qorti :-

i) dikjarazzjoni li l-proceduri istitwiti bir-rikors guramentat bin-Nru 17/16 JVC in kwantu intizi sabiex jinbidel l-istat ta` fatt u legali li johrog mic-certifikat tat-twelid ta` Paul Farrugia jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art 6 u 8 tal-Konvenzjoni.

ii) dikjarazzjoni li kwalunkwe xiehda ta` Maria Ekwaristika Farrugia u Lawrence Pisani li tigi ordnata li tittiehed fil-kawza numru 17/16 JVC tilledi d-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

iii) dikjarazzjoni li kwalunkwe ordni sabiex jittiehdu kampjuni genetici ta` Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani fil-kawza bin-numru 17/16 JVC jilledu d-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fl-Art 8 tal-Konvenzjoni.

iv) l-ghoti ta` rimedju.

Kontestwalment ma` dak ir-rikors kostituzzjonali, kien prezentat rikors iehor fejn dik il-Qorti ntalbet sabiex taghti ordni tordna illi sakemm jigi deciz ir-rikors kostituzzjonali numru 6/2017, il-Qorti tal-Magsitrati (Ghawdex – Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Familja) ma kellhiex tisma` r-rikors bin-numru 17/16 JVC.

It-talba kienet michuda.

Il-Qorti sabet illi :-

i) t-talba ghas-soprasessjoni kellha tigi intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ;

ii) kwalsiasi *interim measure* ta` soprasessjoni hija mizura limitata ghall-periklu ghall-hajja u cirkostanzi eccezzjonali ohra li fil-kaz ma rrizultawx

iii) ma kienux inbdew il-proceduri fil-mertu u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tifhem x`biza` imminenti ta` vjolazzjoni ta` drittijiet seta` jkun hemm biex il-Qorti tuza s-setgha eccezzjonali ghall-ahhar biex twaqqaf lill-Qorti l-ohra milli taghmel dak li l-ligi tobbligaha taghmel u cioe` li tisma` l-kawza sa

tmiemha b`mod kemm jista` jkun accellerat, iktar u iktar kawza ta` dik in-natura.

Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti lmentaw li c-cahda li ghamlet il-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghar-rikors taghhom sabiex tinghata ordni ta` soprasessjoni tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)(Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja) kienet tikser id-drittijiet fundamentali taghhhom hekk kif tutelati bl-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni, u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti rrilevaw illi qorti ghandha tissoprasjedi meta jkun spedjenti li taghmel hekk. Fejn si tratta ta` drittijiet fundamentali, is-soprasessjoni hija rizultat awtomatiku tal-Art 46(3) tal-Kostituzzjoni. Fil-kaz in ezami, it-talba sabiex il-Qorti ta` Ghawdex tkun ordnata tissoprasjedi sakemm tinstema` l-kawza dwar ksur ta` dritt fundamentali ma kenitx ghajr talba sabiex din il-Qorti tohrog *interim measure* sabiex il-ksur tad-dritt fundamentali allegat ma jsirx jew ma jitkomplix isir.

Ir-rikorrenti komplew jirreferu ghal decizjonijiet fejn l-ECHR harget *interim measures* meta kien evidenti li kien ser ikun hemm ksur tal-Art 6 tal-Konvenzjoni. Fid-decizjonjiet, kien sottolinjat illi f` kaz li jkun hemm riskju li d-dritt tal-applikant jista` jigi lez waqt li l-Qorti tkun qed tezamina l-kaz u lezjoni tohloq sitwazzjoni fejn il-hsara li ssir tkun wahda rreparabbli, allura l-Qorti ghandha taghti *interim measures* sabiex l-Istat ma jkomplix jagixxi bi vjolazzjoni tal-allegat ksur ta` dritt fundamentali.

Ir-rikorrenti rrimarkaw illi t-talba lill-Qorti hekk kif diversament ippreseduta sabiex tordna s-sospensjoni tal-proceduri jew is-soprasessjoni tal-Qorti ta` Ghawdex kienet forma ta` *interim measure* sabiex jigi ezaminat l-allegat ksur ta` dritt fundamentali u jkun hemm rimedju effettiv.

Sahqu r-rikorrenti illi jekk il-Qorti ta` Ghawdex kienet ser tithalla tkompli taghmel l-indagini mitluba, dik l-indagni kienet ser tikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali taht l-Art 8 tal-Konvenzjoni. L-istharrig tal-Qorti kien ser timmina d-dritt ta` privatezza f`min kellu l-Istat li johrog mill-att tat-twelid bhala iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta` stat li jaqbel ma` dak l-att. Il-Qorti ghalhekk naqset li tordna lill-Qorti ta` Ghawdex sabiex ma tkomplix tisma` l-kaz u halliet li titkompla ssir lezjoni ta` dritt fundamentali.

L-Avukat Generali wiegeb ghal dawn is-sottomissjonijiet billi rrileva illi meta r-rikorrenti fethu l-kawza kostituzzjonali numru 6/2017 MCH ghamlu talba lill-Qorti sabiex taghti *interim measure* u tordna s-soprasessjoni tal-

proceduri civili quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). Dik it-talba giet michuda u ma sarx appell minnha. Ir-rikorrenti setghu dejjem jappellaw minn tali decizjoni izda minflok sar appell, ir-rikorrenti ghamlu l-kawza odjerna.

Kien rilevat li anke fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex taghti *interim measure* fis-sens li l-proceduri civili quddiem il-Qorti ta` Ghawdex jigu sospizi sakemm jinqatghu dawn il-proceduri kostituzzjonali, izda din il-Qorti cahdet it-talba bi provvediment taghha tal-4 ta` April 2017.

Sostna li l-mertu ta` din il-kwistjoni huwa ezawrit ghaliex din il-Qorti ghal darba darbtejn fi proceduri separati cahdet it-talba sabiex ikun hemm is-sospensjoni tal-proceduri civili liema decizjonijiet ma gewx appellati.

Inoltre skont l-Avukat Generali r-rikorrenti ma garrbu l-ebda dannu irreparabbli.

Premessi dawn is-sottomissjonijiet,

din il-Qorti tirrileva illi diga` kellha talba mir-rikorrenti sabiex sakemm tkun deciza din il-kawza l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Familja) ma tismax il-kawza numru 17/16 JVC.

Fil-provvediment taghha ta` l-4 ta` April 2017, din il-Qorti cahdet it-talba billi qalet illi tenut kont tal-assejn, kienet tal-fehma li ma kenitx indikata l-*interim measure* li kienu qeghdin jitolbu r-rikorrenti, ghaliex bil-fatt li ma taghtix l-*interim measure* rikjest, ma kenitx qeghda tara illi *prima facie* kien se jkun hemm jew illi seta` jkun hemm *an imminent risk of irreparable harm* jew addirittura ghal *an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb.*

Dan premess,

Mhijiex kondiviza is-sitt eccezzjoni tal-Avukat Generali.

Il-kwistjoni tat-talba ghal soprasessjoni hija ezawrita in vista tal-provvediment li tat din il-Qorti stess fl-4 ta` April 2017. Hemm inghad li ma kenitx sejra tidhol fid-dettalji tal-argumenti li gabu l-paritjiet ; lanqas ma kienet sejra tidhol fil-mertu ; u wisq anqas kienet sejra tesprimi ruhha dwar il-kawza

kostituzzjonali odjerna peress li sa dak iz-zmien ma kinitx ghadha edotta mit-twegibiet ta` l-intimat u lanqas semghet provi.

**Din il-Qorti ma ssibx li l-ilment tar-rikorrenti jinkwadra ruhhu fil-lezjonijiet indikati.**

Is-soprasessjoni hija rimedju eccezzjonali peress li jiffrena kawza u jzommha milli tkun deciza bi speditezza fi zmien ragjonevoli. (ara : **<u>Dott. Alfred Mifsud vs. Onor. Prim Ministru</u>** : Q.K. : 20 ta` Lulju 1994).

Il-Qrati taghna sostnew li s-sistema guridika taghna tikkontempla biss l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* u l-konnessjoni ta` azzjonijiet, u li s-soprasessjoni bhala istitut kienet giet introdotta biss permezz tal-Art 46(3) tal-Kostituzzjoni u wara bl-Art 4(3) tal-Kap 319 fil-kuntest ta` riferenza.

Hekk inghad fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru noe et</u>**" (Q.K. - 12 ta` Awwissu 1994) fejn inghad b`sahha illi s-soprasessjoni tista` tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Dan is-sentiment huwa rifless fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**<u>l-On.Imh. Dr. Anton Depasquale vs Onor. Prim Ministru</u>**" (Q.K. : 20 ta` Lulju 1994) fejn il-Qorti sabet illi :-

> *"L-istat prezenti ghalhekk tal-ligi taghna hija li ebda Qorti ma ghandha tissopprassjedi hlief kif provvdut fis-sub-artikolu (3) ta` l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fuq ikkwotat ghax l-accettazzjoni ta` dan il-principju jista` biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia` mghobbija b`diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fihom f`din is-sentenza."*

Tajjeb li jkun riaffermat il-principju li provvediment dwar soprasessjoni ta` kawza huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Tajjeb li jkompli jinghad illi l-Qrati taghna accettaw is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta din tkun spedjenti, fejn tinqala` kwistjoni li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza, u fil-kazi meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta. (Kollez. Vol.

XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973 ; "Joseph **Gaffarena et vs Mixer Concrete Works Limited et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 27 ta` Mejju 2005).

Id-diskrezzjoni li jrid jesercita l-gudikant tiddependi mic-cirkostanzi partikolari u specjali ta` kull kaz (ara – Appell Civili – **Grech noe vs Buttigieg et noe** – 26 ta` Marzu 1984).

Kien ritenut li Qorti m`ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk parti fil-kawza tkun ser tbati pregudizzju (Prim`Awla tal-Qorti Civili - **Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited et** - 25 ta` Marzu 2013).

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti kif presjeduta fl-10 ta` April 2014 fil-kawza "**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Annamaria Spiteri Debono pro et noe et**" (konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta` Ottubru 2014) inghad hekk dwar is-soprasessjoni :

> *"Il-Qorti ghandha tilqa` talba ghas-soprasessjoni meta jkun spedjenti li taghmel hekk (ara Kollez. Vol. XXXIX.I.467 ; u Appell Civili – **Cassar vs Xuereb** – 12 ta` Marzu 1973), spedjenti fis-sens meta l-kwestjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem qorti ohra tkun tali li d-decizjoni tista` tinfluwixxi l-meritu tal-azzjoni prezenti (ara – **Galea vs Galea** – Appell Inferjuri – 23 ta` April 1955).*
>
> *Is-soprasessjoni tkun indikata ghal dawk il-kazi meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni (ara – **Azzopardi vs Critien pro et noe** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` April 1962).*
>
> *Ikun hemm lok ghas-soprasessjoni meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra. Kwindi ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` dipendenza ta` kawza fil-konfront ta` ohra. (ara – **Degaetano vs Galea et noe** – Appell Civili – 5 ta` Ottubru 1981).*
>
> *Qorti m`ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti avversarja tkun sejra tbati pregudizzju.*

*Is-soprasessjoni hija rimedju straordinarju u eccezzjonali, ghaliex tiffrena l-andament normali ta` kawza billi twaqqaf kawza. L-ispeditezza u l-gustizzja jesigu illi kull kawza tigi deciza fi zmien ragonevoli. Ghandha tigi applikata biss jekk hu necessarju fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. (Kollez. Vol. XLI.I.507).*

*L-ghoti tas-soprasessjoni tibqa` ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-qorti (Kollez. Vol XXXII.II.197) u tkun tiddependi mic-cirkostanzi partikolari u specjali ta` kull kaz (ara – Appell Civili – **<u>Grech noe vs Buttigieg et noe</u>** – 26 ta` Marzu 1984).”*

Din il-Qorti tirriafferma l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Taghmel riferenza ghad-decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Frar 2017 fil-kawza “**<u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Martin Dimech</u>**”.

Hemm kien trattat appell minn sentenza dwar riferenza.

Il-kwistjoni mertu tar-referenza kienet :-

*“ … jekk id-decizjoni ta` din il-Qorti li ma tissoprassjedix, b`xi mod tilledi d-dritt tar-rikorrent [allura akkuzat] taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u/jew that l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni”.*

L-Ewwel Qorti qalet hekk :-

*“ … huwa accettat li din il-Qorti, fis-setghat partikolari kostituzzjonali taghha, mhijiex mizmuma milli taqta` u tiddeciedi, meta jkun il-kaz, jekk xi qorti ohra tkunx kisret xi jedd fundamentali ta` persuna kemm b`xi pronuncjament taghha, kemm b`xi mgiba partikolari waqt is-smigh, kemm b`xi ksur tar-regoli essenzjali tal-proccediment li jkun inzamm quddiemha, u kif ukoll dwar xi nuqqas kostitutiv taghha li b`xi mod jikser il-jedd ta` smigh xieraq. Naturalment, stharrig bhal dan ma jibdilx lil din il-Qorti f`wahda li twettaq is-setghat*

*proprji tal-qorti li tkun mistharrga, liema setghat huma merfugha mil-ligi ghal dik il-qorti partikolari (Kost. 9.10.2001 fil-kawza fl-ismijiet* ***__Micallef vs Avukat Generali et__*** *(Kollez. Vol. LXXXV.i.239) 27) ;*

*Illi huwa f`dawn it-termini li sejra tqis ir-Riferenza mibghuta lilha millQorti Riferenti. Ghalhekk, din il-Qorti mhijiex sejra taghmilha ta` qorti ta` appell fuq il-Qorti Riferenti, ghaliex dan mhuwiex ix-xoghol li trid taghmel biex tistharreg kif jixraq ir-Riferenza li saritilha. Ir-Riferenza mressqa mill-Qorti Riferenti trid titqies biss fil-parametri tal-formulazzjoni maghmula u fil-qafas ta` ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Jidher li l-akkuzat isejjes ic-cahda tas-soprasessjoni mal-jedd ta` access effettiv ghal qorti. Huwa jargumenta li d-Degriet tal-Qorti Riferenti kien icahhdu milli jaccedi ghal qorti ghaliex, jekk il-Guri kellu jitkompla sakemm ikun ghadu qieghed jinstema` l-ilment tieghu dwar ksur ta` jedd fundamentali quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) taht l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, kien sejjer ikun effettivament imcahhad minn smigh xieraq. Izid jghid li l-Istat ghandu obbligu pozittiv li jahlaq "mekkanizmu" ghal access effettiv ghall-qrati;*

*Illi min-naha tieghu, l-Avukat Generali jishaq li hija diskrezzjoni moghtija lil kull Qorti li tqis u taghzel jekk ghandhiex tissoprassjedi u zzomm is-smigh ta` kawza sakemm tkun ghaddejja kawza ohra li tista` taffettwaha. Dik id-diskrezzjoni taghtihielha l-ligi u ma tistax b`hekk tissarraf fi ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq jekk kemm-il darba dik ilQorti ssib li hemm kundizzjonijiet biex taghzel li zzomm is-smigh ta` kawza jew jekk taqtaghha li ma jkunx hemm dawk il-kundizzjonijiet. Iseddaq dan l-argument billi jghaddi biex isemmi ghadd ta` sentenzi, moghtijin kemm mill-Qrati Maltin u kif ukoll minn dik ta` Strasburgu;*

*"Illi, kif inghad, jidher li r-Riferenza titlob stharrig kemm taht il-Kostituzzjoni u kif ukoll taht il-Konvenzjoni;*

*"Illi safejn huwa rilevanti ghall-kaz tal-lum, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li*

*"Kull meta xi hadd ikun akkuzat b`reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien*

*ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi".*

*Barra minn hekk, l-artikolu 39(2) jipprovdi li :*

*"Kull Qorti jew awtorita` ohra mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjonijiet ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

*Min-naha l-ohra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li :*

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. ...";*

*"Illi l-Qorti sejra tqis ir-Riferenza li saritilha taht dawn id-dispozizzjonijiet flimkien u dan ghaliex jidher li d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni huma miruta minn dawk tal-Konvenzjoni u jixxiebhu ghalihom, u wkoll ghaliex l-istess Riferenza tfasslet biex tqis il-kwestjoni specifika tal-principju tas-smigh xieraq fid-dawl ta` degriet moghti minn qorti;*

*"Illi xieraq jinghad li huwa accettat li s-soprasessjoni tas-smigh ta` kawza tista` b`mod eccezzjonali tinghata meta tali smigh fl-istess waqt ta` zewg kawzi ma jkunx jista` jsir. Madankollu, billi hija eccezzjoni ghar-regola generali li kull kawza ghandha tinstama` sakemm tigi maqtugha, trid tinghata dejjem that kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji bizzejjed biex dan isir (App. Civ.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet* ***Mifsud noe vs Abela et.*** *(Kollez. Vol:XXIX.i.1295). Kemm hu hekk, inghad sahansitra f`sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (P.A. Kost.: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet* ***Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** *(Kollez. Vol: LXXVIII.i.211), li l-eccezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma` kawza bhala tali, fis-sistema procedurali taghna, mhijiex kontemplata ghaliex l-eccezzjoni li l-Kodici tal-Procedura Civili jikkontempla hija l-eccezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens (Kost. 20.7.1994 fil-kawza fl-ismijiet* ***Mifsud***

*<u>**vs Onor. Prim`Ministru et**</u> (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171) u P.A. Kost LSO 21.7.2015 fil-kawza fl-ismijiet <u>**Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et**</u> (in parte)) u din l-eccezzjoni tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-Qrati li jkollhom l-istess mertu;*

*"Illi huwa minhabba f`hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bhala provvediment ordinatorju mholli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bhal dik (Ara, per ezempju, App. Civ. 23.6.1869 fil-kawza fl-ismijiet <u>**German et vs Scicluna et**</u> (Kollez. Vol: V.157); P.A. 23.1.1946 fil-kawza fl-ismijiet <u>**Bugeja vs Zammit**</u> (Kollez. Vol: XXXII.ii.197) u App. Kumm.: 26.3.1984 fil-kawza fl-ismijiet <u>**Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg et noe**</u> (mhix pubblikata). Provvediment bhal dan huwa meqjus bhala wiehed interlokutorju (App. Civ. 22.5.1989 fil-kawza fl-ismijiet <u>**Mallia et vs Bezzina et**</u> (Kollez. Vol: LXXIII.ii.338). Huwa provvediment li jitqies bhala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigh ta` kawza, meta n-norma hija, kif inghad, li kawza li tinbeda ghandha tinstama` sa ma tinqata` (App. Civ. 4.11.1957 fil-kawza fl-ismijiet <u>**Cardona vs Pisani**</u> (Kollez. Vol: XLI.i.547).*

*Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bhala wiehed "alejatorju" (P.A. 23.5.1997 fil-kawza fl-ismijiet <u>**Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe**</u> (Kollez. Vol: LXXXI.iii.83) li, minhabba t-termini ebsin tal-Kodici Procedurali dwar is-smigh taghhom, jista` jwassal ghad-dezerzjoni tal-proceduri mwaqqfa.*

*Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf (P.A. 12.4.1962 fil-kawza fl-ismijiet <u>**Azzopardi et vs Critien pro et**</u> (Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Civ. 6.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet <u>**Grima et vs Frendo et**</u> (Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393);*

*"Illi fuq kollox, il-Qorti ma ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-ohra tkun sejra ggarrab pregudizzju minhabba d-*

*dewmien (P.A.. JZM 25.3.2013 fil-kawza fl-ismijiet* ***Amber Properties Ltd vs Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et*** *(in parte). Il-Qorti tinnota li t-talba maghmula mill-akkuzat ma hijiex l-ewwel talba tal-ghamla taghha u l-Qrati diga` kellhom jipprovdu dwarha sewwa sew f`kawzi li jirrigwardaw kwestjonijiet marbutin ma` procedimenti dwar ksur ta` jeddijiet fundamentali (Ara, fost l-ohrajn, P.A. LM 17.2.2015 fil-kawza fl-ismijiet* ***Josephine Azzopardi et vs Philip Grima et*** *(in parte)). Principju li ntlaqa` mill-Qorti Kostituzzjonali f`dan ir-rigward hu li dik il-Qorti ma tindahalx fit-twettiq minn xi Qorti ohra dwar jekk ghandhiex tilqa` jew tichad talba ghal soprasessjoni, sakemm tali Qorti "tkun imxiet b`mod irregolari jew hadet decizjoni manifestament zbaljata" (Kost. 17.11.1993 fil-kawza fl-ismijiet* ***Portelli vs Onor. Prim Ministru et*** *(Kollez. Vol:LXXVII.i.149).*

*"Illi din il-Qorti taghraf bejn dawk il-provvedimenti ordinatorji li taghti kull Qorti li jolqtu l-qalba tal-procediment u dawk li jkunu mahsuba biex irazznu xi tentattiv ta` xi wahda mill-partijiet biex il-kaz jittawwal bla bzonn jew jintilef f`dettal mhux ewlieni jew siewi ghas-soluzzjoni tal-kaz. Jidher li l-istharrig dwar ilment ta` ksur ta` jedd ghal smigh xieraq huwa izjed rigoruz f`tal-ewwel milli f`tat-tieni, ghaliex sakemm id-decizjoni tac-cahda fl-ewwel kaz ma tintweriex li hija wahda ghal kollox irragonevoli jew arbitrarja, decizjoni bhal dik taqa` fl-ambitu tal-funzjoni deliberativa ta` dik il-qorti u ghalhekk qajla tissarraf fi ksur tal-jedd ta` smigh xieraq (Q.E.D.B. 18.6.2002 fil-kawza fl-ismijiet* ***Wiezrbicki vs Polonja*** *(Applik. numru 24541/94) §§ 39 u 45);*

*"Illi meta l-Qorti qieset dawn il-konsiderazzjonijiet kollha fil-qafas tal-fatti u tac-cirkostanzi li jsawru l-kaz tal-akkuzat, issib li d-Degriet ma jista` bl-ebda mod jitqies li kiser jew li hemm il-bizgha li jikser il-jedd tal-istess akkuzat dwar l-access tieghu ghal Qorti biex l-ilment tieghu ikun mistharreg kif jisthoqq. Ghall-kuntrarju, tqis li l-Qorti Riferenti kienet ghal kollox attenta u b`ghajnejha miftuha ghad-delikatezza tal-qaghda tal-akkuzat u tal-ilment tieghu, l-izjed ghaliex il-bizgha tal-akkuzat kienet diga` hadet is-sura ta` kawza ohra ta` ksur ta` jeddijiet fundamentali u kienet ghaddejja t-tieni kawza bhalha miftuha minnu.*

*Din il-Qorti tqis li r-Riferenza saret aktar "ex abundante cautela" milli ghal hag`ohra, u ma ghandhiex dubju li kieku l-Guri kompla jinstema`, il-Qorti Riferenti kienet sensittiva bizzejjed ghall-kwestjonijiet marbuta mal-jedd tal-akkuzat ghal smigh xieraq li dak il-harsien kien jinghata bi tmexxija ghaqlija tal-kaz. Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma nghatatx argumenti tajbin bizzejjed min-naha tal-akkuzat li juruha li d-Degriet kien tassew jissarraf bi pregudizzju ghall-kazijiet li huwa kellu pendenti kemm quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) u kif ukoll quddiem il-Qorti fi Strasburgu;*

*"Illi f`kull kaz, fil-mori ta` din ir-Riferenza, kemm il-kaz imressaq mill-akkuzat quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) u kemm dak imressaq minnu quddiem il-Qorti fi Strasburgu nstemghu u nghatat is-sentenza dwarhom b`ezitu mhux favurih.*

*Ghalhekk, fid-dawl ta` din ic-cirkostanza wkoll jidher li c-cahda tas-soprasessjoni maghmula millQorti Riferenti ma kenitx wahda sostanzjalment hazina u lanqas wahda li wasslet ghal ksur tal-jedd tal-akkuzat ghal smigh xieraq;".*

Id-decizjoni fl-ewwel istanza kienet appellata.

Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*"Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, kif rilevat mill-Avukat Generali, il-meritu tal-proceduri odjerni llum jinsab ezawrit bis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet **Martin Dimech v. Malta,** [App. 34373/13, deciza finalment fit-2 ta` Lulju 2015] fejn dik il-Qorti kkonkludiet li, tenut kont tal-istadju li fih waslu l-proceduri kriminali, kif ukoll u b`mod partikolari, tenut kont tal-fatt li l-ezami tal-punt jekk lakkuzat sofriex ksur tad-dritt ghal smigh xieraq necessarjament jinvolvi ezami tal-proceduri kriminali fit-totalita` taghhom, inkluz il-fattur jekk l-akkuzat jinstabx hati jew le, dik il-Qorti kkonsidrat il-kaz tal-akkuzat, allura applikant, bhala prematur. Hija fissret hekk il-konsiderazzjonijiet taghha:*

*"43. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings*

*satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia,* ***X. v. Norway,*** *Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228;* ***Bricmont v. Belgium****, 7 Rik. Kost. 70/13 15 July 1989, Series A no. 158;* ***Papadopoulos v. Greece****, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001;* ***Arrigo and Vella v. Malta*** *(dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and* ***Pace v. Malta*** *(dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia,* ***X v. Switzerland****, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127;* ***B v. Belgium****, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105;* ***Cervero Carillo v. Spain****, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001;* ***Mitterrand v. France*** *(dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently,* ***De Villepin v. France*** *(dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).*

*……………………..omissis………………………*

*"46. Furthermore……..the Court considers that it cannot be excluded that the applicant be eventually acquitted or that proceedings be discontinued.*

*"47. The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see,* ***Kesik v. Turkey****, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and* ***Simons v. Belgium*** *(dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see* ***Bouglame v. Belgium*** *(dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).*

*"48. The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant`s possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies".*

*14. Konsidrat il-premess din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li "ic-cahda [tat-talba] ghas-soprassessjoni maghmula mill-Qorti Riferenti ma kenitx wahda sostanzjalment hazina u lanqas wahda li wasslet ghal ksur tal-jedd tal-akkuzat ghal smigh xieraq" u kif osservat il-Qorti Ewropea jibqa` impregudikat id-dritt tal-akkuzat li, fit-tmiem il-proceduri kriminali jekk jinstab hati, iressaq mill-gdid l-ilment tieghu li allura jigi kkonsidrat fid-dawl tal-totalita` tal-proceduri."*

Dan premess, u riferibbilment ghall-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti, tajjeb jinghad illi meta fil-kawza bin-numru 6/2017 MCH inghata d-digriet tat-2 ta` Marzu 2017 fejn kienet michuda t-talba ghal soprasessjoni, l-istadju li fih kienet waslet il-kawza numru 17/2016 JVC kien illi l-kawza kienet giet stradata biex jinstemghu l-provi dwar l-eccezzjonijiet preliminari. Ghalhekk, is-smigh tal-kawza numru 17/2016 JVC kien limitat ghall-gbir ta` provi relatati ma` dawk l-eccezzjonijiet, mhux dwar il-mertu.

**Meta l-Qorti qieset dan kollu, issib li d-digriet de quo bl-ebda mod ma kiser jew seta` jikser il-jedd ghal smigh xieraq tar-rikorrenti**.

**Ma tressqu l-ebda argumenti - tajbin bizzejjed - min-naha tar-rikorrenti li juru li d-digriet kien tassew jissarraf fi pregudizzju ghad-drittijiet taghhom, ladarba l-provi fil-kawza numru 17/2016 JVC kienu ristretti biss ghal dak li ghandu x`jaqsam ma` l-eccezzjonijiet preliminari.**

Ikompli jinghad illi Maria Ewkaristika Farrugia u Lawrence Pisani ma baqghux jinsistu li l-kawza numru 17/2016 JVC tieqaf tinstema` sakemm jigi deciz l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali Nru. 6/2017 MCH.

**Din il-Qorti hija tal-fehma li bil-fatt illi kienet michuda s-soprasessjoni ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq tar-rikorrenti.**

**VII. Spejjez**

Il-Qorti qieset fid-dettal dak li sehh fil-kawza numru17/2016 JVC.

Qieset ukoll dak li sehh fil-kawza numru 6/2017 MCH.

Hadet in konsiderazzjoni dak li sehh ukoll fil-kawza odjerna – xejn eskluz.

L-assjem ta` fatti u cirkostanzi fuq riferiti juri li dak prospettat mir-rikorrenti kien illi jtawwlu kemm jistghu s-smigh ta` l-kawza numru 17/2016 JVC.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad is-sitt (6) eccezzjoni.**

**Tilqa` l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba` (4) eccezzjonijiet.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad it-talbiet kollha.**

**Bla hsara ghal dak illi diga` pprovdiet fid-decizjoni taghha tat-28 ta` Settembru 2017, tordna li l-bqija tal-ispejjez ta` din il-kawza ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mir-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**